



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0355(NLE)

15420/25
ADD 1

COSCE 10

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Att Finali tal-Konferenza Diplomatika għall-Adozzjoni tal-Konvenzjoni li
Tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna

ATT FINALI
TAL-KONFERENZA DIPLOMATIKA
GĦALL-ADOZZJONI TAL-KONVENZJONI LI TISTABBILIXXI
KUMMISSJONI INTERNAZZJONALI GĦAT-TALBIET GĦALL-UKRAJNA

Il-Konferenza Diplomatika mlaqqa' b'mod konġunt mill-Kunsill tal-Ewropa u mir-Renju tan-Netherlands għall-Adozzjoni tal-Konvenzjoni li Tistabilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna saret f' The Hague, in-Netherlands, fil-15 u fis-16 ta' Diċembru 2025, preseduta mis-Sa/mis-Sur [isem] ta' [Stat].

Il-Konferenza Diplomatika ddeliberat abbażi ta' test imfassal mill-Kumitat Ad hoc dwar l-Istabiliment ta' Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna (CAHEC) li saret f' The Hague, in-Netherlands, mid-9 sat-12 ta' Settembru 2025.

Il-Konferenza Diplomatika adottat il-Konvenzjoni li Tistabilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna, meħmuż hawnhekk, u fetħitu għall-iffirmar.

Il-Konferenza Diplomatika adottat ukoll Riżoluzzjoni u Rapport, bl-annessi, meħmużin hawnhekk.

Il-Konferenza Diplomatika tagħraf li l-Federazzjoni Russa trid iġġarrab il-konsegwenzi legali tal-atti illeċiti kollha tagħha fil-livell internazzjonali, inkluż l-għoti ta' kumpens għad-dannu, inkluż kwalunkwe ħsara, ikkawżat minn tali atti.

Il-Konferenza Diplomatika tteġġeg lill-parteċipanti kollha jkomplu jesploraw, inkluż fil-livell internazzjonali u f'konformità mad-dritt internazzjonali, is-sorsi possibbli biex jiġi żgurat il-finanzjament tal-kumpens iddeterminat u konċess mill-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna skont il-Konvenzjoni.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Konferenza Diplomatika adottat dan l-Att Finali.

Magħmul f' The Hague, in-Netherlands, fis-16 ta' Diċembru 2025, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bl-Ispanjol, bit-tliet verżjonijiet ikunu ugwalment awtorevoli.